# Il-Maġġur Anthony Aquilina 1985 - 2010
## 25 Sena Anniversarju mill-mewt tal-akbar kompożitur

VICTOR GALEA - Kompożitur u Awtur

L-ammirazzjoni li jien għandi lejn il-Maġġur Anthony Aquilina hija kbira u din tidher propju fil-marċ stess li jiena kkomponejt fuq arranġament mużikali ta' Mro. Alfred Farrugia u semmejt propju għal dan is-Surmast tal-Marċi Maltin – "Tislima lill-Maġġur". Dan mhux biss, għaliex propju sentejn ilu ppublikajt bijografija ta' dan l-istess Surmast. Illum qiegħed nikteb dan l-artiklu sabiex fi ftit kliem infakkar lil dan il-persunaġġ li ta' kontribut kbir lill-mużika f'pajjiżna. Propju din is-sena jaħbat il-25 sena anniversarju mill-mewt tal-Maġġur. Għahekk tajjeb li nagħrfu nfakkru dan l-anniversarju filwaqt li nsellmu lill-Maġġur Anthony Aquilina għax-xogħol siewi tiegħu. Bil-marċi tiegħu, il-Maġġur Anthony Aquilina għaraf jifraħ hu u jferraħ lil ħafna. Għalhekk huwa xieraq li sabiex infakkru dan l-anniversarju, fejn dejjem hu possibbli u speċjalment din is-sena, jindaqqu l-marċi ta' dan is-Surmast.

Il-Maġġur Anthony Aquilina kien u għadu magħruf mill-għadd kbir ta ammiraturi tiegħu bħala l-Maġġur, li kien ingħatalu meta kien fir-Royal Malta Artillery. Il-marċi brijużi tiegħu dejjem kienu magħduda bħala ta' livell għoli mill-aqwa baned f'Malta u f'Għawdex. Saħansitra llum ukoll jinħass it-timbru speċjali tiegħu u jżid jgħinhom jispikkaw. Swielu ħafna t-tagħlim li ħa mir-Royal Military Academy of Music f'Keneller Hall, qrib Londra, minn fejn kiseb għarfien personali bl-ogħla ġieħ. B'dan it-taħriġ flimkien mal-ħila naturali biex jagħraf jislet l-aħjar mill-Brass Bands u l-melodiji seħħlu jagħti xejra speċjali lil kull marċ. Dan is-surmast kbir ikkompona marċi brijużi li għana lill-baned ta' dawn il-gżejjer li huma parti importanti mill-wirt tagħna.

### Tagħrif Ġenerali dwar il-Maġġur Anthony Aquilina

Il-Maġġur Anthony Aquilina, twieled nhar il-25 ta' Lulju 1906. Iben Indri Aquilina u martu Filippa, imwielda Bugeja. Tgħammed l-għada, jiġifieri fis-26 ta' Lulju fil-knisja ta' San Filep, f'Ħaż-Żebbuġ stess. L-ismijiet propja tiegħu, huma Paul, Philip u Joseph iżda kulħadd jafu b'Ninu jew Anthony. Ta' min isemmi li Ninu kellu żewġ ħutu oħra li kienu tnejn bniet, Filippa u Marija.

Meta dan it-tfajjel beda jitfarfar, nibtu fih żewġ xewqat li dejjem xtaq li jwettaqhom,



jiġifieri li jitgħallem idoqq strument tal-banda u wkoll jingħaqad mal-militar. Meta kellu madwar tmien snin, it-tfajjel Toninu tħajjar jingħaqad mal-Banda San Filep, li magħha kellha bħala assistent-surmast lis-Sur Wiġi Said, li mill-ewwel intebaħ li l-alliev li kellu quddiemu barra li kien moħħu tajjeb, kien imżejjen b'talent mużikali aktar minn normal, ħass li kellu jħarrġu b'dak kollu li kien jaf hu biex aktar jinkoraġġieh. Seħħlu jitgħallem l-istrument, il-klarinett u ta' għaxar snin ħareġ idoqq mal-Banda San Filep, meta daqq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred P. Hare. Ma kienx għadda żmien ħafna. Wiġi webblu jdoqq bħala solista t-terzett mill-opra "*I Lombardi*" ta'Giuseppe Verdi, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Orlando Crescimanno u mar tajjeb ħafna. Ftit wara, ħajruh jattendi kunċert mal-Banda King's Own. Meta rawh u semgħuh idoqq, kellhom kliem ta' tifħir għalih, minkejja li kien għadu żgħir. Mhux biss, imma s-Surmast Awstrijak Mro. Aurelio Doncich, li dderieġa l-Banda King's Own mill-1906 sal-1930, xeħet għajnejh fuqu għax għaraf il-ħila tiegħu. Xtaq jgħinu jkabbar dan it-talent mużikali kemm jista'. Kien bis-saħħa ta' dan is-Surmast li xi snin wara Ninu kiseb postu fl-armata. Daħal bħala *Band Boy* u dam hekk għal ħames snin. Madankollu għad li kiseb postu fl-armata huwa xorta ssokta bl-istudju tiegħu fuq il-klarinett taħt il-bravu Surmast Awstrijak Aurelio Doncich, mal-King's Own, tal-Belt. Lill-ħabib tiegħu Żebbuġi ma warrbux għax xorta baqa' jmur jieħu l-lezzjonijiet għandu.

Fis-sena 1926, iż-żagħżugħ Anthony ntbagħat fuq kors ta' tliet snin, jispeċjalizza fil-klarinett, liema kors kien rebħu, minn fost tliet mitt bandist. Kiseb dritt għall-borża ta' studju tar-Royal Military Shool of Music fi Kneller Hall Twickenham Surrey, fl-Ingilterra. Kien żmien mitqlu deheb għal Anthony għax seħħlu jitħarreġ kemm fuq l-istrumenti kollha u saħansitra fid-direzzjoni. Tgħallem ukoll jikkomponi u jagħmel l-arranġamenti għall-orkestra u sintendi għall-banda stess. Kemm dam l-Ingilterra rnexxielu jirbaħ tliet medlaji. Fl-1927 kiseb l-ewwel premju fuq id-daqq tal-istrumenti, il-klarinett u ngħata l-*"Cousin's Memorial"*. Fl-1930 dabbar żewġ unuri oħra, rebaħ l-ewwel post fil-*"Conducting"* jiġifieri fid-direzzjoni u seħħlu jġib l-ogħla punteġġ fl-arranġamenti mużikali kemm għall-orkestra kif ukoll għall-banda militari. Meta rritorna Malta, issa bħala Warrant Officer Class 1, lil Anthony tawh f'idejh it-tmexxija tal-banda tar-Royal Malta Artillery. Bħala Surmast Direttur tagħha dam seba' snin. Wara li temm din il-kariga, huwa nħatar bħala President Onorarju. Dan kollu seħħ fil-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija, meta nagħta lilu r-rank ta' *Commissioned Officer,* fizzjal b'żewġ stilel. Fl-armata baqa' javvanza u meta rtira mill-R.M.A. fl-eta' ta' 57 sena kellu l-grad ta' Maġġur.

Waqt li ż-żagħżugħ Anthony Aquilina kien l-Ingilterra ltaqa' mat-tfajla Catherine Ross, Kanadiża, minn Toronto. Meta nagħqdu fis-sagrament taż-żwieġ, fit-2

t'April, 1932, fil-knisja tal-Vitorja fil-Belt Valletta, hu kellu sitta u għoxrin sena u għarustu kienet sentejn iżgħar minnu. Frott dan iż-żwieġ kellhom tifel waħdieni u għammduh bl-isem ta' Geoffrey.

Kien dħuli kemm trid man-nies. Kien jaf imur ma' kulħadd u t-tbissima fuq fommu baqgħet tiddi tul ħajtu kollha. Kellu qalbu tad-deheb. Imma waqt it-taħriġ tal-banda m'hemmx ċajt għax kien ikun irid kollox perfett. Il-Maġġur Aquilina kien raġel li jżomm ruħu pulit u eleganti, dejjem nadif xum-miema b'leħja mqaxxra friska kuljum, u b'ħaddejh lixxi daqs irħama. Kull fejn tarah kien ikun dejjem dritt, wieqaf fuq qaddu, xeħta ta' bniedem li għadda ħajtu fis-servizz militari.

Bħala marċi, l-Maġġur Anthony Aquilina, kitibhom f'art twelidu, aqta' xi wieħed jew tnejn, li kkomponihom meta kien jistudja l-Ingilterra. L-istil tiegħu tagħrfu mill-ewwel, stil militari, iżda Mediterranju b'laqtiet Spanjoli. Marċi funebri qatt ma kiteb. Ta' bniedem ferrieħi li kien, qatt ma niżlulu l-waqtiet biekja. Bosta mix-xogħol mużikali tal-Maġġur ħareġ fuq tliet long plays, l-ewwel waħda fl-1979 u għammidha bl-isem ta' *Festive Memories,* it-tieni waħda fl-1981 ħariġha bl-isem *Festive Memories No 2* u t-tielet waħda saret wara li miet u nagħtat l-isem *In Happy Memories.* L-Innu-marċ **Preghiera a Sant'Antonio** ma ddaħħalx mal-marċi li kiteb u kkomponih meta kien is-Surmast Direttur ta' din il-Banda Karkariża, bejn l-1983 u l-1985. Ta' min jgħid li bejn l-1946 u l-1956 mexxa l-Banda Duke of Connaught's Own ta' Birkirkara.

Ta' min isemmi wkoll li erba' marċi mill-pinna tal-Maġġur għadhom qatt ma nstemgħu fuq ebda radju u dan għaliex dawn qatt ma ġew irrekordjati. Dawn il-marċi huma **is-Sur Mizzi** li kkomponih fis-sena 1946. Dan il-marċ huwa msemmi għall-President ta' dak iż-żmien tal-Banda Duke of Connaught's Own, is-Sur Karm Mizzi. Marċ ieħor huwa **In-Nakku** li kkomponih fis-sena 1947 għall-ħabib tiegħu is-Sur Carmelo Xuereb filwaqt li l-marċ **The Seven Sons** ikkomponih fis-sena 1950. Dan il-marċ ikkomponih għall-familja Micallef li kienu ħbieb tiegħu. Dan is-Sur Micallef kellu sebgħat itfal. Il-marċ **The Two Sisters** huwa msemmi għal żewġt aħwa tfajliet, Eileen u Sylvia Mifsud, li kienu jkantaw flimkien. Dan il-marċ ikkomponih fis-sena 1953. Nifmhu li dawn l-erba' marċi l-Maġġur Aquilina ikkomponihom meta kien għadu mal-Banda Duke of Connaught's Own ta' Birkirkara minħabba li fl-istess perjodu bejn is-snin 1946 u l-1956 kien is-Surmast Direttur tal-Banda. Għalhekk għandna nifmhu li din iil-mużika għandha tinstab fil-każin tal-istess Banda msemmija. Min-naħa tiegħi staqsejt kemm il-darba għal dawn il-marċi lil diversi Karkariżi bit-tama li forsi nsib xi ħaġa! Fl-opinjoni tiegħi jista' jkun li forsi dawn il-marċi ma ħarġux fuq il-livell mixtieq mill-Maġġur. Min jaf għala? Bħala amministratur tal-Maġġur Aquilina, hija x-xewqa tiegħi li xi darba dawn il-marċi jiġu xorta waħda rrekordjati sabiex inkomplu nappreżżaw dak kollu li ħallielna l-Maġġur Anthony Aquilina.



Il-ħabib intimu tiegħu, is-Sur Charles Calleja, li ħalliena ta' 62 sena fl-4 t'Ottubru 2009, kien iċempillu ta' kull filgħodu, għal ħabta tad-disgħa biex jagħtih l-għodwa t-tajba. Dak inhar ċempel bħas-soltu u kif il-Maġġur sema' leħnu raddlu tislima. Hu żied jgħidlu li kien iħossu ma jiflaħx. Charles qallu biex ma jiċċaqqlaqx u li kien dalwaqt sejjer ħdejh. Wasal f'kemm trodd salib ġewwa tas-Sliema fejn kien joqgħod il-Maġġur. Kif wasal lemħu bil-qiegħda u rah kemmxejn immantar. Il-Maġġur tbissimlu bħas-soltu. Is-sura ta' wiċċu xehdet li xejn ma kien f'sikktu u Charles staqsieh x'kien iħoss. Bla ma stennieh iwieġbu, qabad u ċempel lit-Tabib Anthony Galea Debono, illum Professur. Malajr tfaċċa bħal donnu kien wara l-bieb. Għamillu test tal-ECG li wera li kien attakk tal-qalb qawwi. It-tabib riedu jmur l-isptar u ħejjielu l-katri meħtieġa. Il-Maġġur ma xtaqx imur bl-ambulanza u ried li jwasslu Charles. Sa dan it-tant wasal lura Charles sema' ħoss ġej mill-kamra tal-banju. Daħal hdejh u sabu fl-art b'wiċċu l-fuq miksi sapun tal-leħja. Bla telf ta' żmien reġa ċempel lit-tabib, li ftit qabel kien hemm. Kif wasal, ikkonferma li l-Maġġur kien ħalliena u ħariġlu ċ-ċertifikat tal-mewt. Hawnhekk Charles ma felaħx iżomm iżjed u nfaqa' f'bikja kbira għaliex kien tilef l-akbar ħabib li kellu.

Il-Maġġur Anthony Aquilina ħalliena nhar il-21 ta' Settembru 1985 fil-għomor ta' 79 sena. Għall-funeral tiegħu kien intlaħaq ftehim bejn ibnu Geoffrey Aquilina Ross u l-kumitati tal-baned konċernati. Il-funeral kien sar it-Tlieta 24 ta' Settembru 1985 għall-ħabta tas-1 p.m. F'jum il-funeral il-korteo telaq mill-isptar ta' G'Mangia għall-Wied ta' Birkirkara fl-inħawi tal-każin tal-Għama jew aħjar Duke of Connaught's Own liema banda dam imexxieha mill-1946 sal-1956. Kien hemm baħar ta' nies jistennew il-wasla tat-tebut. Ilkoll ġew biex jagħtu l-aħħar tislima lill-Maġġur Anthony Aquilina. F'dik il-folla kbira, inġabru wkoll il-Prim Ministru ta' Malta ta' dak iż-żmien, Dr. Karmenu Mifsud Bonnici u diversi Membri Parlamentari kif ukoll rappreżentanti mill-armata. Kien hemm ukoll diversi rappreżentanti ta' każini tal-baned minn Malta u Għawdex b'ħafna minnhom kienu bl-istendard tagħhom fosthom il-Banda La Vittoria. Tul il-korteo daqqet il-banda li qabel ħalla din id-dinja kien għadu jieħu

ħsiebha. Fil-funeral kien indaqq marċ brijjuż fuq ix-xewqa tal-Maġġur stess. Il-marċ li kien ikkompona fis-sena 1958 bl-isem ta' **Balfrendozan**, li kien semmieh għal żewġt iħbieb tiegħu mil-Belt, Peppi Balzan u Duminku Frendo. Indaqq ukoll l-uniku innu li kkompona bl-isem **Preghiera** lil Sant'Antnin. Saret il-quddiesa fil-Knisja ta' Sant'Antnin ta' Birkirkara u ġie midfun fil-qabar tal-King's Own tal-Belt Valletta ġewwa ċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Malta tilfet iben b'talenti kbar.

L-għada, l-gazzetti ta' kuljum ilkoll taw prominenza kbira lil dan l-avveniment, b'kitbiet imżewqa b'ritratti tal-funeral tiegħu li tista' tgħid kien qisu wieħed statali. Għadd ta' każini tal-banda tellgħu l-bandiera mezz'asta b'turija ta' rispett lejn il-Maġġur Anthony Aquilina magħdud bħala s-Surmast tal-Marċi Maltin. Inroddu ħajr lil Alla li għoġbu jislifna bniedem li ferraħ għadd kbir ta' nies bil-marċi melodjużi li ħallielna. Kien Surmast serju li l-baned ta' dawn il-gżejjer għadhom iqimuh sal-ġurnata tal-lum.

Ir-rabta tal-Banda La Vittoria mas-Surmast il-Maġġur Anthony Aquilina ma bdietx fl-aħħar snin ta' ħajtu, għaliex minn sorsi ta' min jorbot fuqhom l-ewwel marċi tal-Maġġur li ndaqqu mill-Banda La Vittoria kien fis-snin ħamsinijiet, u fil-bidu tas-snin tmeninijiet kienu ġew akkwistati ħafna mill-marċi tiegħu, li kien għoġbu jgħaddihomna waqt BBQ li kien sar fuq il-bejt tal-każin nhar it-8 ta' Settembru 1983. Diversi marċi oħra kien għoġbu jgħaddihomna flimkien ma ritratt kbir tiegħu waqt ikla li kienet saret għall-Bandisti fl-Arches Restaurant meta waqt din l-okkażjoni l-President il-Perit Carm Lino Spietri kien irringrazzjah u talbu jaċċetta l-Onorefiċenza ta' Surmast Onorarju tal-Banda La Vittoria. Dan kien nhar il-Ġimgħa 4 ta' Novembru 1983.

Illum, il-marċi tal-Maġġur Aquilina huma parti mill-patrimonju tal-Banda La Vittoria u minn żmien għall-ieħor l-Banda ddoqqhom bħala parti mir-repertorju tagħha.

## Surmast Direttur ta' erba' Baned

Bħala Surmast mal-Banda Royal Malta Artillery, il-Maġġur Anthony Aquilina dam seba' snin. Wara li temm din il-kariga, il-Maġġur inħatar bħala President Onorarju.

**(1946–1956)**
Banda Duke of Connaught's Own ta' Birkirkara

**(1956–1973)**
Banda King's Own tal-Belt Valletta

**(1983–1985)**
Banda Sant'Antnin ta' Padova ta' Birkirkara

## Għeluq il-25 sena mill-mewt tal-**Maġġur Anthony Aquilina,** is-Surmast tal-Marċi Maltin (1985-2010)

Ħamsa u għoxrin sena anniversarju
Mill-mewt tal-akbar kompożitur,
Qed ifakkarni, l-kalendarju
Li kien ħalliena l-Maġġur.

U lanqas irrid nemmen
Kif għadda daqshekk iż-żmien
Kemm ġrejna ġo każini
Tista' tgħid, dejjem flimkien.

Niftakar f'dawk il-mumenti
Kemm kien, ta' dixxiplina
Skiet perfett u attenzjoni
Hekk kien il-Maġġur Aquilina.

Tisma' wieħed, jogħġbok l-ieħor
F'kelma waħda, kollha jogħġbuk
Iġgħaluk li tqum minn postok
Meta tismagħhom kollha jqanqluk.

Fil-bidu ta' Banda ġdida
Bdew isiru l-kunċerti
Il-Maġġur ħa postu bil-wieqfa
U qalilhom, "Irrid narakom attenti!"

Il-marċi sallum għandhom jindaqqu
Mill-baned, ma naqsu qatt
Għax vera marċi ferrieħa
Li jintgħoġbu, minn kulħadd.

Kemm kien iħobb, il-kumpanija
Dejjem pulit, u bl-ingravata
Jerħula għal ġo Lapsi
Mal-ħbieb għal xi fenkata.

Aħna sikwit fik niftakru
Għax inti qiegħed, f'qalbna
U ta' dan rispett jixraqlek
Li nkomplu niftakru fik, f'talbna.

VICTOR GALEA
Mqabba Frar 2010